TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 204/12/GZ

**Raymond u Mary Rose Caruana**

**vs**

**KMK Ltd. – Kurt Mario Bezzina**

Illum 6 ta' Marzu 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Awissu, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' tliet elef mitejn u hamsin Ewro (€3250.00)) rapprezentanti l-prezz li huma hallsu bhala depozitu fuq twieqi u bibien tal-PVC, liema xoghol baqa' ma sarx.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Fid-9 ta' Dicembru 2011, huma kienu ghamlu ftehim fuq xoghol ta' bibien u twieqi tal-PVC mas-socjeta' ntimata, li kellhom jitwahhlu fl-ewwel gimgha ta' Jannar 2012. Is-socjeta' ntimata kienet talbet depozitu ta' tliet elef mitejn u hamsin Ewro (€3250.00), liema ammont thallas mir-rikorrenti l-ghada li gie mitlub. Fl-ewwel gimgha ta' Jannar 2012, is-socjeta' ntimata kienet informat lir-rikorrenti li kienet ser tittardja x-xoghol u li tali xoghol kien ser isir ghall-ahhar ta' Jannar 2012. Ghalhekk, ir-rikorrenti qabdu lill-bennej taghhom sabiex jiftah iz-zewg bibien fejn kellhom jitwahhlu l-bibien tal-PVC, peress illi huma kienu qed jghixu f'din id-dar u peress illi kienet ix-xitwa huma ma setghux jibqghu minghajr aperturi. Pero', is-socjeta' ntimata kienet

cempletilhom u qaltilhom li x-xoghol tal-bibien u t-twieqi tal-PVC ma kienux waslu mill-Italja. Is-socjeta' ntimata baqghet taghmel hekk diversi drabi, u kull darba li kienet tasal il-gurnata li kellhom jitwahhlu l-bibien u t-twieqi, is-socjeta' ntimata kienet iccempel lir-rikorrenti u tinformahom illi ma kenitx ser tmur taghmel ix-xoghol.

Ir-rikorrenti sabuha difficli hafna biex jaghmlu kuntatt mas-socjeta' ntimata, tant illi anke baghtu ittra bl-avukat bhala twissija. Sa llum il-gurnata x-xoghol baqa' ma sarx u d-depozitu baqa' ma nghatax lura lir-rikorrenti.

Ir-rikorrenti ezebew diversi dokumenti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew kopja tad-dikjarazzjoni li huma ghamlu lill-pulizija, li giet immarkata bhala Dok.RMC.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrenti konsumaturi, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata tirrifuza u thallas l-ammont ta' tliet elef mitejn u hamsin Ewro (€3250.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**